

Brussell, 22 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10975/26

AGRI 529
AGRIFIN 128
FIN 940

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9483/26	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 03/2026 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "Miżuri speċifiċi biex jappoġġaw l-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE – Jgħinu biex l-agrikoltura tibqa' kompetittiva iżda l-iżvilupp għal żmien twil huwa inċert" - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

Ir-Rapport Speċjali Nru 03/2026 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "*Miżuri speċifiċi biex jappoġġaw l-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE – Jgħinu biex l-agrikoltura tibqa' kompetittiva iżda l-iżvilupp għal żmien twil huwa inċert*",

approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fl-4181 laqgħa tiegħu fit-12 ta' Ġunju 2026.

Konklużjonijiet finali tal-Kunsill

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-Rapport Speċjali tagħha 03/2026 intitolat:

"Miżuri speċifiċi biex jappoġġaw l-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE – Jgħinu biex l-agrikoltura tibqa' kompetittiva iżda l-iżvilupp għal żmien twil huwa inċert"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali 03/2026 tal-Qorti bit-titolu *"Miżuri speċifiċi biex jappoġġaw l-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE – Jgħinu biex l-agrikoltura tibqa' kompetittiva iżda l-iżvilupp għal żmien twil huwa inċert"*, li jivvaluta jekk il-programm tal-UE għar-reġjuni ultraperiferiċi (POSEI) jindirizzax b'mod effettiv il-ħtiġijiet u r-restrizzjonijiet speċifiċi li jiffaċċaw dawn ir-reġjuni fis-settur agrikolu kif deskritt fl-oġġettivi tal-programm POSEI;
2. JILQA' r-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex flimkien mal-Istati Membri kkonċernati twettaq rieżami tal-attivitajiet tradizzjonali f'dawn ir-reġjuni, li l-Kummissjoni taċċetta;
3. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni biex taħdem flimkien mal-Istati Membri kkonċernati sabiex jiġu identifikati modi kif tittejjeb id-diversifikazzjoni tal-għelejjel u tal-bhejjem, li l-Kummissjoni taċċetta;
4. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tivvaluta aħjar it-trasferiment tal-benefiċċji tal-appoġġ għall-importazzjoni għal prodotti essenzjali lill-utenti finali permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, li l-Kummissjoni taċċetta;
5. JIKKONDIVIDI l-opinjoni tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li dan ir-rapport jirrappreżenta analiżi f'waqtha u siewja;

6. JIRRIKONOXXI li r-reġjuni ultraperiferiċi jiffaċċaw kundizzjonijiet aktar diffiċli minn reġjuni oħra fl-UE u li l-programm POSEI huwa strument importanti biex jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet li jiffaċċaw dawn ir-reġjuni;
7. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis il-bidliet strutturali li diġà qed iseħħu fis-setturi tradizzjonali tar-reġjuni ultraperiferiċi fit-tfassil tal-finanzjamenti għal dawn ir-reġjuni;
8. IFAĦĦAR l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel enfasi partikolari fuq ir-redditu ġust tal-introjt għall-bdiewa u fuq id-distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ.

